# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 t' Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 543/2011 SM**

**Kurt Vella**
**(I.D. 451185 M)**

**vs.**

**Joseph Mallia li b'digriet tal-15 ta' Lulju, 2011 gie nominat Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-assenti Lloyds Syndicates: Brit Syndicate 2987**

**Pierre Balzan (I.D. Numru 268668 M f'ismu proprju u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Melita Power Services Limited**
**(C 41892)**

**Millenium Insurance Agency Limited**
**(C 23927)**

**Roderick Hili (I.D. Numru 575788 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-6 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona is-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi korra waqt ix-xoghol meta kien impjegat mas-socjeta` *Melita Power Services Limited*, sofra dizabilita` permanenti u tilef id-dawl t'ghajnejh ix-xellugija;

1.2. Illi l-incident sehh minhabba nuqqas ta' sigurta`, negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti mis-socjeta` riferita fil-paragrafu precedenti u ta' l-impjegat taghha l-intimat Roderick Hili u d-direttur u rapprezentant ta' l-istess Pierre Balzan;

1.3. Illi konsegwenza ta' l-istess ir-rikorrenti sofra danni kemm *damnum cessans* (*recte damnum emergens*), (ara foll 2), u *lucrum cessans*;

1.4. Illi r-rikorrenti kien jahdem *part-time* bhala xufier ta' *minibus* ma' missieru;

1.5. Illi missieru kien bi hsiebu jghaddilu n-negozju tieghu permanentement ladarba jirtira;

1.6. Illi rizultat ta' l-istess incident *stante* li r-rikorrenti sofra dizabilita` permanenti ta' mija fil-mija, (100%), il-licenzja tas-sewqan tintilef, u konsegwentement tilef ix-xoghol tieghu, li kien avjat tajjeb;

1.7. Illi s-socjeta` fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.) aktar qabel), kienet assigurata mas-socjeta` *Lloyds Underwriters Lloyds Syndicates: Brit Syndicates 2987,* rapprezentati mill-agenti taghhom *Millenium Insurance Agency Limited;*

1.8. Illi ghalkemm interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.9. Illi ghalhekk, adixxa din il-qorti sabiex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti, u dan, minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti;

1.9.2. Tillikwida ghalhekk id-danni, kemm *lucrum cessans* u *damnum emergens* sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

1.9.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata;

1.9.4. Bl-ispejjez kif dedotti mir-rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-23 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu tat l-ordnijiet procedurali hemm indikati, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-11 ta' Lulju, 2011, li permezz taghha l-intimat Joseph Mallia *nomine* sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti: (ara foll 17)

3.1. Illi s-socjeta` minnhu rapprezentata hi l-assiguratrici tas-socjeta` intimata *Melita Power Services Limited*;

3.2. Illi s-socjeta` estera minnhu rapprezentata mhix il-legittimu kontradittur u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li m'ghandha l-ebda relazzjoni mar-rikorrenti;

3.3. Illi l-fatt li hi tassigura lis-socjeta` *de quo*, ma tohloq l-ebda relazzjoni mar-rikorrenti;

3.4. Illi rigward id-danni allegati mir-rikorrenti, dan ghandu jaghti prova ta' l-istess;

3.5. Illi qed joggezzjona ghad-danni li r-rikorrenti qed jirreklama rigwardanti t-telf tal-licenzja tas-sewqan *stante* li jista` jitlob biss dawk id-danni minnhu sofferti personalment u mhux dawk li seta` jippretendi li sofra missieru, li mieghu m'hemm l-ebda relazzjoni;

3.6. Illi permezz tat-talbiet tieghu rigwardanti d-danni r-rikorrenti qieghed jittenta jarrikixxi ruhhu indebitament a skapitu ta' l-intimati;

3.7. Illi ghalhekk:

3.7.1. It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati; u

3.7.2. Ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

3.8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-11 ta' Lulju, 2011, li permezz taghha l-intimat Pierre Balzan *proprio et nomine* sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti: (ara foll 24)

4.1. Illi fil-vesti personali tieghu ma jahti ghall-ebda danni akwiljani sofferti mir-rikorrenti;

4.2. Illi ma ghandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali mar-rikorrenti, u ghalhekk ghandu jigi liberat *ab observantia*;

4.3. Illi s-socjeta` minnhu rapprezentata mhix responsabbli ghall-incident *de quo*;

4.4. Illi l-incident sehh unikament minhabba htijiet u tortijiet imputabbli lir-rikorrenti u/jew lill-intimat Roderick Hili, u/jew lil terzi;

4.5. Illi ma tezisti l-ebda solidarjeta` bejn l-intimat Balzan, is-socjeta` intimata minnhu hawn rapprezentata u l-intimat Roderick Hili;

4.6. Illi l-intimati ma ppekkawx la fil-*culpa in eligendo* u lanqas fil-*culpa in vigilando*;

4.7. Illi r-rikorrenti ghandu jipprova dak li qed jallega rigward id-danni minnhu sofferti;

4.8. Illi joggezzjona bil-qawwi ghat-talba tar-rikorrenti rigward il-licenzja;

4.9. Illi r-rikorrenti jista` jitlob biss danni sofferti minnu personalment u mhux dawk li jista` jsofri wkoll missieru li mieghu, ir-rispondenti *nomine* m'ghandu l-ebda relazzjoni;

4.10. Illi r-rikorrenti qieghed jipprova jarrikkixxi ruhhu indebitament ghad-danni ta' l-intimati;

4.11. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4.12. Salv risposti ulterjuri;

5.0. Rat ir-risposta datata wkoll il-11 ta' Lulju, 2011, li permezz taghha s-socjeta` intimata *Millenium Insurance Agency Limited* sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti: (ara foll 28)

5.1. Illi mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet *de quo* u ghandha tigi liberata *ab observantia*;

5.2. Illi agixxiet biss bhala *Lloyd's cover holder*;

5.3. Illi rigward id-danni allegati dawn ghandhom jigu pprovati mir-rikorrenti;

5.4. Illi toggezzjona bil-qawwa ghat-talba rigwardanti t-telf ta' licenzja tas-sewqan *de quo*;

5.5. Illi r-rikorrenti ma jistax jitlob ghal danni sofferti minn missieru, li mieghu s-socjeta` intimata *de quo* m'ghandha l-ebda relazzjoni;

5.6. Illi hu ovvju li bit-talbiet tieghu fir-rigward ir-rikorrenti qieghed jipprova jarrikkixxi ruhhu indebitament;

5.7. Illi ghalhekk:

5.7.1. It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati; u

5.7.2. Ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

5.8. Salv risposti ulterjuri;

6.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-23 ta' Settembru, 2011, li permezz tieghu: (ara foll 34)

6.1. Hatret espert mediku hemm indikat; u

6.2. Hatret assistent gudizzjarju hemm indikata;

7.1. Rat ir-risposta guramentata datata t-23 ta' Settembru, 2011, li permezz taghha l-intimat Roderick Hili sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti: (ara foll 57)

7.1.1. Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti a tnur ta' l-artiklu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez *stante* li l-intimat odjern mhux responsabbli ghall-incident in dizamina;

7.3. Illi l-incident *de quo* sehh minhabba negligenza, imprudenza, nuqqas ta' sigurta` fuq il-post tax-xoghol, traskuragni u nuqqas t'osservanza tar-regolamenti mis-socjeta` intimata *Melita Power Services Limited* u mid-direttur rapprezentanti l-istess socjeta` Pierre Balzan;

7.4. Illi ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti;

7.5. Salv risposti ulterjuri;

8. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu, ordnat it-trattazzjoni fuq l-eccezzjoni preliminari, (ara foll 94);

9. Rat ir-relazzjoni ta' l-abbli espert mediku datata id-29 ta' Dicembru, 2011, (ara foll 95);

10. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentanti legali ta' l-intimat Hili datat id-29 ta' Mejju, 2012, li permezz tieghu ddikjarat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata hi riferibbli biss ghall-istess intimat Hili, (ara foll 105);

11. Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti rigwardanti l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimat Hili datata d-29 ta' Mejju, 2012, li ma tirrizultax li kienet precedentement debitament awtorizzata, (ara foll 106);

12. Rat id-digriet ta' l-istess qorti fuq indikata datat is-27 ta' Gunju, 2012, li permezz tieghu ddifferiet il-kawza ghas-sentenza fuq l-istess eccezzjoni preliminari rigwardanti l-preskrizzjoni, (ara foll 108);

13. Rat is-sentenza parzjali datata l-5 ta' Novembru, 2012, (ara foll 110), li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm indikati kkonkludiet li l-azzjoni odjerna hi preskritta fil-konfront ta' l-intimat Roderick Hili, (ara foll 122);

14. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat id-29 t' April, 2014, li permezz tieghu, wara l-informazzjoni lilha moghtija mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet hemm indikati, ikkonfermat lill-assistent gudizzjarju fl-inkarigu lilha precedentement assenjat, (ara paragrafu numru sitta punt tnejn, (6.2.), aktar qabel u foll 242);

15. Rat id-digriet taghha datat it-8 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, u sussegwentement estizi, (ara foll 248, 249 u 251);

16.0. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi:

16.1. Dik tar-rikorrenti datata z-19 ta' Jannar, 2015, (ara foll 255);

16.2. Dik ta' l-intimat Joseph Mallia *nomine* datata t-30 ta' Marzu, 2015, (ara foll 383);

16.3. Dik tas-socjeta` *Millenium Insurance Agency Limited*, datata wkoll it-30 ta' Marzu, 2015, (ara foll 386);

16.4. Dik ta' l-intimat Pierre Balzan *proprio et nomine* datata wkoll it-30 ta' Marzu, 2015, (ara foll 389);

17. Rat il-verbal datat is-7 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruhhom fuq in-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ipprezentati *in atti*;

18. Ezaminat id-dokumenti prodotti flimkien max-xhieda migbura u mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

19.1. Illi l-incident meritu ta' din il-procedura sehh fis-6 ta' Jannar, 2009, ghall-habta ta' 12.45 p.m. fejn ir-rikorrenti kien qieghed jahdem fil-fond numru 19, *Garden Street*, il-Gzira, (ara foll 41);

19.2. Illi x-xoghol involut kien l-istallazzjoni ta' sistema ta' *CCTV Cameras*, (ara foll 41);

19.3. Illi fil-hin ta' l-incident ir-rikorrenti kien barra l-fond in dizamina vicin l-entratura tal-bieb principali tal-fabbrika, (ara foll 41);

19.4. Illi fl-istess hin l-intimat Hili kien gharkubtejh iqatta zewg *spacers* tal-metall bi *grinder* armata b'diska, xi hames (5) metri l-boghod mir-rikorrenti, (ara foll 41);

19.5. Illi f'hin minnhom ir-rikorrenti kellu bzonn juza d-*driller* u peress li dan kien fil-vann ta' l-impjegati kkoncernati, l-istess rikorrenti mar igibu, (ara foll 41);

19.6. Illi hekk kif ir-rikorrenti kien miexi u kien madwar tlett (3) metri boghod minn Hili, (ara foll 41 u 75), tqactet il-

*cutting disc* li kien qed jahdem biha l-intimat Hili u laqtet lir-rikorrenti f'ghajnejh ix-xellugija, (ara foll 41);

19.7. Illi r-rikorrenti gie immedjatament rikoverat l-isptar fejn gie ezaminat, (ara foll 42);

19.8. Illi r-rikorrenti gie operat xi sitt (6) sieghat wara li kien rikoverat l-isptar fejn irrizulta li l-ghajn milquta kienet inqassmet bir-rizultat li r-rikorrenti ma jista` jara xejn aktar minn din l-ghajn;

Ikkunsidrat:

20. Illi stabbilit ir-rezokont tal-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna hu ghaqli li issa tigi indirizzata r-risposta preliminari sollevata mill-intimati rimanenti li ghandhom jigu liberati *ab observanzja* ghaliex m'humiex il-legittimi kontradditturi;

21.0. Illi rigward l-intimat Mallia *nomine* jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi r-rikorrenti ma jirrizulta li ghandu l-ebda relazzjoni ma l-istess socjeta` estera in dizamina;

21.2. Illi in effetti ma jirrizulta xejn mix-xhieda kopjuza pprezentata u minn nota ezageratament estiza tar-rikorrenti fir-rigward;

22.0. Illi rigward is-socjeta` intimata *Millenium Insurance Agency Limited* jinghad sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi din is-socjeta` kienet l-assiguratur tas-socjeta` li kienet tinpjega lir-rikorrenti;

22.2. Illi in effetti ma jirrizulta xejn mix-xhieda li jorbot lir-rikorrenti ma' l-istess;

22.3. Illi *se mai* li jista` jirrizulta, jekk adegwatament investit, hu relazzjoni bejn is-socjeta` li kienet timpjega lir-rikorrenti u s-socjeta` *de quo*, li r-rikorrenti hu estraneu ghall-istess;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi rigward is-socjeta` intimata *Melita Power Services Limited* u l-intimat Pierre Balzan li wkoll qieghed jidher ghall-istess socjeta` intimata, jinghad sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi jirrizulta assodat li r-rikorrenti kien impjegat tas-socjeta` *de quo*;

23.2. Illi jirrizulta wkoll pacifiku li l-istess rikorrenti ma kienx impjegat ta' l-intimat Pierre Balzan;

23.3. Illi ghalhekk hu pacifiku wkoll li r-rikorrenti kien missu indirizza l-procedura odjerna kontra s-socjeta` *de quo* u elimina lill-intimat *stante* li m'ghandu l-ebda *locus standi* fir-rigward;

Ikkunsidrat:

24.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-intimati Joseph Mallia *nomine*, Pierre Balzan f'ismu proprju u s-socjeta` *Millenium Insurance Agency Limited*, huma estranei ghal din il-procedura u konsegwentement din il-qorti hi sodisfatta li ppruvaw l-eccezzjoni preliminari minnhom sollevata li mhuwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti u ghaldaqstant:

**DECIDE** fir-rigward:

24.1. Illi l-intimati hawn indikati m'humiex il-legittimi kontradittturi tar-rikorrenti ghat-talbiet minnhu lilhom indirizzati;

24.2. Illi ghalhekk tillibera lill-istess intimati hawn indikati mill-osservanza tal-gudizzju;

24.3. Bl-ispejjez fir-rigward kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi fuq il-mertu rimanenti bejn ir-rikorrenti Vella u s-socjeta` *Melita Power Services Limited* jinghad sintetikament is-segwenti:

25.1. Illi meta taret id-diska tal-*grinder* li kkagunat is-sinistru in dizamina jirrizulta li din kienet moghnija bis-*safety-guard* regolamentari, (ara foll 75);

25.2. Illi jirrizulta li s-socjeta` intimata ghalhekk ezimiet id-doveri taghha li tassigura li l-ingenji u magni uzati mill-impjegati taghha jkunu a norma ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

Ikkunsidrat:

26. Illi *di piu`*, kif anke sottolineat minn din il-qorti diversament preseduta fis-sentenza *in parte* taghha datata l-5 ta' Novembru, 2012, wara li ezaminat il-provi imressqa quddiema fir-rigward ikkonkludiet li l-incident in dizamina:

> "... ma sarx deliberatament jew b'negligenza ta' l-intimat Roderick Hili, izda kien incident purament accidentali", (ara foll 121A);

27.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

27.1. Illi l-incident in dizamina sehh meta inqasmet id-diska tal-*grinder* li kien qed jigi uzat minn kollega tar-rikorrenti;

27.2. Illi dan kellu esperjenza f'dan ix-xoghol ghaliex kien ilu impjegat ma' l-istess kumpanija ghal aktar minn sena;

27.3. Illi l-*grinder* in dizamina kien munit bl-ilqugh necessarju ghall-istess;

27.4. Illi l-*grinder de quo* kien tas-socjeta` intimata *Melita Power Services Limited*;

27.5. Illi rizultat ta' l-istess incident sfortunatament ir-rikorrenti tilef ghajnejh ix-xellugija kompletament;

27.6. Illi x-xoghol li Hili kien qieghed jaghmel kien indipendenti minn dak tar-rikorrenti u kien biss *per puro caso* li r-rikorrenti kien ghaddej mill-post fejn inkisret id-diska tal-*grinder* in dizamina;

27.7. Illi ghalhekk, anke jekk ir-rikorrenti jilmenta li ma kienx munit b'*safety equipment* dan dak il-hin ma kienx rilevanti ghaliex kien abbanduna il-postazzjoni tieghu biex imur igib xi ghodda li kellu bzonn mill-vann;

27.8. Illi rigward il-*grinder* u l-kawza tas-sinistru *de quo* ma ingiebet l-ebda prova fir-rigward;

Ikkunsidrat:

28.0. Illi fuq il-mertu in vista tal-premess din il-qorti tqis li r-rikorrenti naqas li jipprova t-talbiet tieghu skont il-ligi u ghaldaqstant:

**DECIDE:**

28.1. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

28.2. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` intimata *Melita Power Services Limited* u ta' Pierre Balzan li qieghed jidher ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess;

28.3. Bl-ispejjez tal-procedura odjerna rimanenti kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**